# JEKK INT HABIB

*Jekk tgħożżni ġewwa u barra, lil dawk sħabek*
*tħallix li s-semm jisquni mal-ħalib,*
*la ddawwarx wiċċek, la tagħlaqx għajn waħda,*
*jekk int ħabib.*

*Jekk int ħabib u trid tgħix bla għedewwa,*
*tbiegħx lili biex bi flusi l-paċi ġġib,*
*tbiegħx lili biex tinħabb miegħi u magħhom,*
*jekk int ħabib.*

*Jekk int ħabib, qum fuq saqajk u għajjat*
*bil-qawwi s-sewwa li ġo fija ssib,*
*tibżax li ser tinbagħ'd imħabba fija,*
*jekk int ħabib.*

*Jekk int ħabib, jeħtieġ ukoll tkun għadu.*
*Hadd ma jaqdi x-xitan u jbus salib.*
*M'hemmx triq tan-nofs: jew jien jew huma. Agħżel*
*jekk int ħabib.*

MELBOURNE — DUN ĠUŻEPP ABELA